# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* ĠUNJU 1944


## IL-KONKORS TAL-BALLATI

34J, Victoria Terrace, Tas-Sliema
"Dar is-Sliem".
Is-16 ta' Jannar, 1944.

WARA li eżaminajna d-39 poeżija li nbagħtu għall-Konkors li tnieda f'"IL-MALTI" mill-Kunsill tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u qabbilna l-fehmiet tagħna, nistgħu ngħidu li fuq kollox il-poeżijiet ma jlaħħqux il-grad ta' teknika meħtieġa fir-reqqa tagħha għall-kitba ta' ballata, sew għal dik li hi metrika u sew għal dak li hu ħsieb u espressjonijiet poetiċi. Saħansitra sibna li biċċa mill-poeżijiet mhumiex ta' għamla ta' "ballati"; u oħrajn għandhom forma u ħsieb ta' sunetti, fil-waqt li l-biċċa l-kbira jaqgħu fil-lirika, bħalma hi l-poeżija "Malta G.C." ta' Omero P. A. Sally, li għalkemm għandha xi versi tajbin u qawwija u l-ħsieb tagħha sabiħ, ma nistgħux ngħidu li hi ballata. Hekk ukoll "Warda Maltija" u l-"Qawsalla" ta' Stromboli, li huma sunetti. Il-poeżija "Hidmet il-Hajjen" ta' Rwiefen fiha sengħa, iżda s-suġġett tagħha hu hekk mudlam li ma jiftihemx għal-kollox. Hekk ukoll il-versi "'40—'50" li, għalkemm qawwijin u magħqudin, ma jistgħux jingħaddu ma' dawk tal-"ballati", l-iktar għal dak li hu ħsieb.

Fl-aħjar ballati wkoll insibu xi tebgħat sew fit-teknika tal-metrika, u sew f'dik tal-frażi u tal-ħsieb. "Perfecti Mysterium Amoris" ta' Għaġġla Kbira, li fil-fehma tagħna, hija l-aħjar waħda, tidher li nkitbet tassew bil-għaġla! Xi versi bħalma huma: "*li darb'oħra mill-ġdid* jarġa' għad-dar", u "kien iħobb, jaf iħobb, *irodd lura*" u "ma weġibx għal talbitha *marida*" juru daqsxejn ta' nuqqas fil-għażla u fil-konċiżjoni tal-kliem, kif ukoll il-vers: "kien imut u kien *joqtol* biex ġiehu", fejn il-kelma *joqtol* hija wisq idjomatika u xejn poetika. Fl-aħħarnett jidhrilna

illi f'din il-poeżija l-idea ta' "*poeta*" mtennija fir-ritornell ma tiġġustifikax għalkollox is-sura tal-mewt tiegħu u lanqas ma twieġeb bir-reqqa kollha għas-sens tal-kelmiet *perfecti amoris* li hemm fl-isem tal-poeżija. F'"Imħabba, Ħaqq u Mewt", il-kelma *Ħaqq* fir-ras u fil-vers: "Kull ħadd bkiehom f'Jum il-Ħaqq" mhix magħżula tajjeb għal ġrajja ta' hemm li jrid ifisser il-Poeta, kif ukoll fil-vers: "b'dawl ix-xrar ta' ħbub għajnejh" hemm daqsxejn ta' prolissità fil-ħsieb figurativ. Ir-rima *tnej'* ma' *għannej* hija liċenza poetika ftit u xejn qawwija. Fil-poeżija "Il-Ħati" dehrilna wkoll illi dik id-dehra ta' *nar li jaħraq bla ma jtemm ilġisem mejjet tal-Ħati* ma tistax tkun ħaġa minnha u lanqas mistħajla minn missier li kien għadu ma jafx x'ġara.

Fil-poeżijiet l-oħra li għażilniehom mill-oħrajn bħala "ballati" u li jistħoqqilhom tifħir insibu xi versi ebsin u zopop, xi frażijiet bombastiċi, xi kliem mhux poetiku jew inkella mdeffes bħala feles għar-rima, u ħsibijiet imtennijin.

Skond il-fehma tagħna l-aħjar ballati huma :— (a) *Perfecti Mysterium Amoris* ta' Għaġġla Kbira; (b) *Imħabba, Ħaqq u Mewt* ta' Alpha u Omega, u (ċ) *Il-Ħati* ta' Helios.

Wara dawn insemmu waħda wara l-oħra, skond il-grad tal-mertu tagħhom, il-ballati li jistħoqqilhom ta' min isemmihom b'tifħir, li huma :—

*Ġieħ u Għajb* ta' Malti Safi; *Ballata* ta' Omero P. A. Sally; *Ballata* ta' Amorno; *Il-Ballata tal-Ġenniena* ta' Hortus; *Il-Ballata tal-Margerita* ta' Ballita; *Iż-Żifna tal-Friefet* ta' Le Papillon; *Imħabba fin-Nirien* ta' Lucerna; *Ballata* ta' Pacificus u *Ballata* ta' Ypsilon.

MONS. C. PSAILA
A. CREMONA
G. ZARB ADAMI.